20 ta' Settembru, 1948

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Traffiku — Negliġenza — "Overtaking" — Piena — Art. 293 tal-Kodiċi Kriminali.**

Il-Pulizija *versus* Toni Meilak

*Min ikun qiegħed isuq karrozza ma għandux jagħmel il-manuvra ta' l-"overtaking" mingħajr ma jkun "safe" li ssir dik il-manuvra. Jekk dik il-manuvra ssir barra minn żmienha u b'okkupazzjoni ta' spazju żejjed, dik il-manuvra hija ħażina.*

*In-negliġenza ta' min jibqa' vittima ta' kolliżjoni ma teżentax mir-responsabilità lill-awtur tal-kolliżjoni, jekk dik in-negliġenza ma kienetx il-kawża effiċjenti ta' l-inċident għaliex tkun ikkreat għalih "a sudden emergency".*

*Imma għall-finijiet tal-piena, għandha ssir distinzjoni; għaliex altru l-każ ta' min deliberatament, per eżempju, isuq bi speed eċċessiv, jew jagħmel użu minn "brakes" li huwa jaf li huma difettużi, u altru l-każ ta' min b'nuqqas ta' ħila jagħmel manuvra ħażina, bħal meta ma jikkalkulax tajjeb iċ-ċirkustanzi ta' l-"overtaking". Il-fatt li l-imputat ikun wera nuqqas ta' ħila fil-manuvra li għamel, akkoppjat mal-fatt li l-għemil negliġenti tal-vittima tal-kolliżjoni ta okkażjoni favorevoli lill-att ta' l-imputat biex dan ikun il-kaġun ta' dak li ġara, jissuġġerixxi temperament fl-applikazzjoni tal-piena.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-22 ta' Lulju 1948, l-imsemmi Meilak instab ħati talli fl-20 ta' Ġunju 1948, għall-ħabta tas-7 p.m., fl-Erbgħa Mwieżeb limiti ta' San Pawl il-Baħar, b'negliġenza, imprudenza, u billi ma osservax ir-regolamenti, fil-waqt li kien isuq motor car nru. 5008, ikkaġuna l-mewt ta' Edwin Carbone, u ġie kundannat għall-multa ta' £80 u għall-ħlas ta' tliet kwarti ta' l-ispejjeż kollha li kollhom x'jaqsmu man-nomina tal-perit fil-proċeduri tal kawża;

L-imputat appella:

Din il-Qorti, wara li eżaminat............, ikkunsidrat;

Fl-20 ta' Ġunju 1948, f'xi s-sebgħa ta' filgħaxija, l-imputat kien qiegħed isuq car minn San Pawl il-Baħar sejjer għall-Mosta. Meta wasal f'dak il-punt fejn it-triq tas-Salini tiżbokka fuq it-triq ta' San Pawl il-Baħar, l-imputat kien qiegħed

jipprova jaqla' 'l barra minn car seven seater li kien quddiemu sejjer ukoll lejn il-Mosta. F'dak il-waqt hu habat ma' motor cycle ġejja mid-direzzjoni opposta, misjuqa minn ċertu Edwin Carbone. Bħala konsegwenza tal-ħabta, l-imsemmi Carbone miet, u ż-żewġ vetturi sofrew ħsara;

Mill-provi din il-Qorti tħossha soddisfatta li l-imputat għandu jkun ritenut responsabili, minħabba dawn ir-raġunijiet :—

1. Huwa għamel il-manuvra ta' l-"overtaking" meta ċ-ċirkustanzi kollha kienu tali li ma kienx "safe" li ssir din il-manuvra .......... Il-manuvra ta' l-overtaking, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, kienet difatti trid distanza ta' xi 150 pied, u l-marġini approssimativ li jibqa', ta' 50 pied, ma kienx għal min hu prudenti, "a margin of safety", għaliex perkors ta' 50 pied, in relazzjoni ma' speed ta' żewġ vetturi sejrin f'direzzjoni opposta hu kwistjoni ta' appena sekonda. Igħid iċ-Charlesworth (The Law of Negligence, 1947, edit., page 79) :—"In all cases it is the duty of the person overtaking to allow an adequate margin of safety between his vehicle and the vehicle overtaken, and to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic and without forcing the overtaken or approaching vehicles to swerve or reduce speed";

2. L-imputat żbalja wkoll għaliex fl-overtaking hu okkupa aktar spazju milli kien hemm bżonn..........;

Id-difiża għamlet enfasi fuq iċ-ċirkustanza li Carbone stess kien negliġenti, għaliex kien qiegħed isuq qawwi, bi speed ta' iktar minn 50 mil fis-siegħa;

Il-prinċipju legali f'din il-materja ġie diġà enunċjat mill-Imħallef sedenti fil-kawża "Il-Pulizija vs. Thomas Agius", deċiża fis-16 ta' Settembru 1944. F'din il-pronunċja ġie adottat il-prinċipju aċċettat fis-sistema leġislativ ingliż, hekk enunċjat mill-Harris (Wilshere edition, page 199) :— "In the case of manslaughter it is no defence that the deceased person was negligent and that his negligence contributed to his death. But it would be a defence that the death was caused by the act of the deceased". Fis-sentenza preżenti, din il-Qorti, kif kostitwita, iżżid, bi studju ulterjuri li għamlet ta' dan il-prinċipju, illi l-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, presjeduta mill-Imħallef Bianchi, fis-sentenza tagħha fil-kawża "Monteforte,

Ambrosini e Amministrazione delle Ferrovie Statali", deċiża fit-3 ta' Mejju 1929 (ara Rivista Penale tal-Lucchini, p. 440 ta' dik is-sena), afferma preċiżament l-istess prinċipju; mhux biss, imma żiedet tgħid li t-teżi kuntrarja kienet ripudjata mid-dottrina u l-ġurisprudenza l-aktar awtorevoli. Si trattava ta' ċertu Sapio, li kien daħal bla bżonn fir-reċint tal-ferrovija u kien qasam il-binarju bla ma ta każ ta' twissija li saritlu, u ġie maqtul mill-ferrovija. L-istess, però, ingħata t-tort lir-rikorrent fil-Qorti tal-Kassazzjoni minħabba l-imprudenza tiegħu, non ostanti l-egħmil imprudenti ta' Sapio;

F'dik is-sentenza ingħad infatti hekk:— "Con abile, ma non convincente argomentazione, si prospetta, in sostanza, la tesi della compensazione delle colpe, ripudiata dalla più autorevole dottrina e giurisprudenza di questo Supremo Collegio. Si accenna anzi ad un calcolo di maggiore o minore colpa di costui che resta vittima del reato in confronto di quella di colui che è chiamato a rispondere, per far dipendere da esso la responsabilità del secondo. Ma tutto ciò è antigiuridico, perchè l'imprudenza, la negligenza, e l'inosservanza dei regolamenti da parte del subbietto attivo del reato non cessano di esistere o di essere punibili se per avventura incidano su un'altrui condotta imprevidente, o con essa si incontrino. È innegabile in tali casi che l'azione del danneggiato, ancorchè imprudente e anormale in genere, sarebbe rimasta innocua senza il sopraggiungere di un'altra azione antigiuridica, che trasforma il danno da eventuale in reale, ed è perciò causa efficiente di esso, sia pure trovando occasione favorevole nel comportamento del danneggiato. Tale principio applicando alla specie, i giudici di cognizione rettamente affermarono che l'arbitrario introdursi del Sapio nel recinto ferroviario, e l'attraversamento del binario, e il non tenere calcolo sufficiente dell'avviso ricevuto di stare accorto, sarebbe rimasto privo di effetto dannoso se il ricorrente fosse stato al suo posto, cioè in condizione di impedire l'investimento";

Għalhekk li "status quaestionis" hu dan: jekk il-fatt li Carbone kien qed isuq il-motor cycle bi speed eċċessiv (fuq il-50 mil fis-siegħa) kienx tali li jikkostitwixxi l-kawża effiċjenti ta' dak li sar għaliex ikkrea għall-appellant "a sudden emergency";

Il-Qorti ma tistax takkolji din it-teżi tad-difiża;

Ir-raġunijiet huma dawn. Li speed eċċessiv ta' Carbone ma kienx igib dak li ġara. Il-kolliżjoni ġrat minħabba li Carbone sab fi triqu lill-car ta' l-appellant, li kien għamel il-manuvra ta' l-overtaking doppjament ħażina, jiġifieri barra minn żmienha u b'okkupazzjoni ta' spazju żejjed. Min jagħmel il-manuvra ta' l-overtaking ma għandux jagħmilha jekk ma jistax jagħmilha (kif qal iċ-Charlesworth fil-bran fuq ċitat) "without forcing approaching vehicles to swerve or reduce speed". Hu għandu jieħu fil-kalkolu tiegħu anki li speed ta' l-"oncoming vehicles", li jistgħu jilħqu fuqu qabel ma jkun ikkompleta l-manuvra. Jekk ma jistax jara l-"oncoming vehicles", minħabba li l-viżwali tiegħu limitata, allura ma għandux jaqla' barra. Lanqas għandu jintnesa li, meta t-topografija tal-post tkun kif kienet fil-każ preżenti, il-fatt li, biex jaqla' l-barra, id-driver imur fuq il-lemin, ikompli jnaqqaslu l-viżwali. Ma hux il-każ ta' "sudden emergency", jekk l-"emergency" nqalghet minħabba n-negligenza tiegħu. "It is well settled that no one can set up the plea of sudden emergency, if his own negligence gives rise to the emergency" (Trial of Motor Car Accident Cases, Gibb pag. 52, sec. 51). Dan l-istess pont kien ġie affermat mill-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, sedenti f'din il-Qorti, fil-kawża "Ciantar vs. Gatt", 15 ta' Mejju 1926, fejn ġie ċitat il-Chironi, u ngħad:— "L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessità, quali mezzi liberatori della responsabilità, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente.......... il fatto illecito si connette allora al comportamento giuridicamente anormale, nè sarà valevole la eccezione liberatoria, perchè inutilizzata dal dolo o dalla colpa precedente; da tale stato illecito ebbe esistenza diretta l'ingiuria, sebbene paia derivata dal caso fortuito o dalla forza maggiore";

Għalhekk l-imputat hu ħati;

Kwantu għall-piena;

Il-Qorti jidhrilha li, b'applikazzjoni tal-prinċipji żvolti dwar il-piena f'każijiet simili fis-sentenza tagħha, kif issa kostitwita, "The Police vs. Hicklin", tad-29 ta' Lulju 1944, iċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ jissuġġerixxu mitigazzjoni tal-piena;

F'dik is-sentenza ġie infatti osservat illi d-dispożizzjoni tal-liġi f'din il-materja (art. 239 Kap. 12) tikkontempla jew imprudenza, jew traskuraġni, jew nuqqas ta' ħila, jew inosservanza ta' regolamenti. Taħt dik id-dispożizzjoni anki nuqqas ta' ħila huwa negliġenza li tilħaq għal "criminal misconduct". Iżda hemm gradazzjoni. Altru l-każ ta' min, per eżempju, isuq deliberatament bi speed perikoluż, jew bi brakes li jkun jaf li huma difettużi, u altru l-każ ta' min, b'nuqqas ta' ħila, jagħmel manuvra li ma jmissux għamel. F'dan il-każ kien hemm aktarx nuqqas ta' ħila, konsistenti fil-fatt li l-imputat ma kkalkulax tajjeb iċ-ċirkustanzi ta' l-overtaking. Minnaħa l-oħra, għall-finijiet tal-piena, għandha tittieħed in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li l-egħmil ta' l-imputat sab disgrazzjatament okkażjoni favorevoli filli tfaċċa l-motor cycle bħal berqa b'dak li speed;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi fil-meritu, u għar-raġunijiet fuq imsemmijin, tiċħad l-appell u tikkonferma għal dawk ir-raġunijiet is-sentenza appellata;

Kwantu għall-piena, però, tirriduċi l-multa mis-somma ta' £80 għas-somma ta' £60, u l-kwota ta' l-ispejjeż tal-perit tibqa' wkoll ridotta minn tliet kwarti għal nofs. Żmien għall-ħlas xahar mil-lum.